**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

49/19

**Id-Disa' u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-11 ta' Jannar, 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Proġett Eks Swan Laundry
   (b) Performance bonus Segretarju Eżekuttiv
   (c) Performance Bonus Impjegati
   (d) Tenders: SVLC/T/02/2015 – Bulky Refuse
   SVLC/T/03/2015 – Manintenance and Installation of Traffic Signs
   SVLC/T/04/2015 – Contracts Manager
   SVLC/T/05/2015 – Public Convenience
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.30 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.1 Il-Minuti tat-48 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tat-48 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 4.2**- tinbidel il-kelma "is-s-Sibt" u ssir "is-Sibt"

2.2.2 Minuta 8 – tinbidel il-kelma "Kunitati" u ssir "Kumitati"

2.2.3 **Minuta 9.2**– tinbidel il-kelma "reallokazzjoni" u ssir "relokazzjoni"

**Fis-6.45pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer**

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-48 Laqgħa**

3.1.1 **Minuta 4.2** – Is-Sindku staqsa lis-Sur Carabott meta ser tkun iffissata l-laqgħa mall-feeders. Is-Sur Carabott informa lis-Sindku sabiex il-laqgħa ssir f'April minħabba li ser ikun indispost.

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-allokazzjoni tal-Gvern għas-sena 2016 żdiedet bi €12, 000 u għaldaqstant telgħat għal €396, 000. Is-Sindku ppropona li din iż-żieda ser tmur fil-fond tal-ispiża kapitali.

Is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 01/2016 – Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar ir-rapport tal-Awdituri 2014 sabiex il-Kunsill jindirizza xi punti li sabu. Is-Sindku rrimarka li minn naħa tal-Kunsill kien hemm nuqqasijiet fejn jidħlu l-*postings* fl-accounts. Is-Sindku nforma lil-membri, li l-Accountant huwa nfurmat b'dawn in-nuqqasijiet sabiex b'hekk jiġu indirizzati.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 02/2016 l-emenda fil-liġi tal-Kunsilli Lokali fejn fost l-oħrajn qiegħed ukoll ikun stabbilit li l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali li jmiss ser isiru fis-sena 2019.

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri li dwar id-dawl li ser isir fi ġnien Romeo Romano li kien diskuss fl' laqgħat preċedenti, il-Kunsill xtara l-*flood lights* u ngabu l-kwotazzjonijiet sabiex isir it-twaħħil tagħhom. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu tlett kwotazzjonijiet dik tas-Sur Mario Mallia fejn il-kwotazzjoni tat-twaħħil hija ta €3033.31, MicaMed li kkwota l-prezz ta' €3309 u tas-Sur Anthony Grixti li kkwota l-prezz ta' €3878.07. Is-Sindku ppropona li dan ix-xogħol għandu jingħata lis-Sur Mallia ġaladarba huwa l-

irħas. Kien hemm proponut ukoll qbil li jkun hemm 15% retention Money sakemm ix-xogħol jiġi ċċertifikat mill-Contract Manager.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament,

**5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 814 sa lment numru 8.

| | |
|---|---|
| 814 | Koptasin |
| 815 | Hemm korrispondenza għaddejja |
| 816 | Xogħol huwa previst li jsir fil-ġimgħat li ġejjin |
| 817 | Ikunu nfurmati l-pulizija |
| 818 | Transport Malta |
| 819 | Ħaddiema Assenjati |
| 820 | Ħaddiema Assenjati |
| 821 | Ħaddiema Assenjati |
| 822 | Ħaddiema Assenjati |
| 823 | Hemm waħda eżistenti |
| 824 | Dik il-parti ma tistax tkun aċċessibbli |
| 825 | Contract Manager |
| 826 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta |
| 827 | Tinkiteb ittra lis-sidien ta' Casa Francesco |
| 828 | Logografix |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) Proġett Eks Swan Laundry**

Is-Sindku nforma lill-membri li fil-ġimghat li ġejja ser jibda ix-xogħol mill-BOV fuq il-proġett tal-eks Swan Laundry. Huwa qal li f'dan ir-rigward huwa stieden rappreżentanti mill-BOV sabiex b'hekk ikunu jistgħu jinfurmaw lill-Kunsill fuq dan il-Proġett. Ir-rappreżentanti tal-BOV kienu is-Sur Stephen Mizzi, il-Perit Paul Camilleri, il-*project leader* is-Sur Mario Attard u is-Sur Sean Attard. Is-Sur Mizzi spjega fid-dettal dak kollu li kien ser isir filwaqt li tpoġġew fuq il-mejda l-pjanti tal-proġett. Huwa qal ukoll li waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol fuq il-binja ser jiżdiedu

xi sinjali fit-triq minħabba l-fatt li ma jridux joħolqu nkonvenjent kemm għat-traffiku u kif ukoll għar-residenti. F'dan ir-rigward qal li l-Kuntrattur Bonnici Brothers ser japplika mat-TM sabiex temporanjament isiru dawn it-tibdiliet neċessarji. Il-Proġett huwa mistenni li jitlesta matul is-sena 2018.

Is-Sindku talab lir-rappreżentanti tal-BOV li ġaladarba ser tinħoloq inkonvenjenza lejn ir-residenti, il-BOV għandhom jagħtu kumpens lill-Komunita' u għaldaqstant is-Sindku talab sabiex tingħata għajnuna finanzjarja fil-proġett li l-Kunsill ser jagħmel fiż-żona tal-Palazz l-Aħmar. Is-Sur Stephen Mizzi informa lis-Sindku sabiex jibgħat email uffiċċjali lill-bank u jinkludi l-ispiża ta' dan il-proġett sabiex b'hekk il-bank ikun jista' jiddiskuti din il-proposta.

Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan il-proġett u mal-proposta lis-Sindku għamel lill-BOV.

**(b) Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

F'dan l-istadju fis-8.05pm s-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra peress li ser kien jiġi diskuss l-*performance appraisal* tiegħu.

Is-Sindku ppreżenta lill-membri l-*bonus apprasial* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2015. Is-Sindku ppropona lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud għandu jingħata 10% dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu fil-Kunsill.

Is-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

Fit-8.15pm is-Segretarju Eżekuttiv reġa' daħal għall-kumplament tal-laqgħa.

**(c) Performance Bonus Impjegati**

Is-Sindku ippreżenta il-*bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sur Carmel Busuttil għandu jingħata l-ammont ta' 6%

Is-Sinj. Sharon Mifsud għandha tingħata l-ammont ta' 6%

**(d) Tenders:**

**i. SVLC/T/02/2015- Bulky Refuse**

Għat-tender tal-Bulky Refuse intefgħu 2 tenders mingħand Dimbros Ltd u s-Sur Jimmy Muscat. Dawn iż-żewġ tenders kienu validi minħabba l-fatt li r-rekwiżiti

mitluba mill-kunsill kienu annessi. F'dan ir-rigward id-differenza bejn iż-żewġ tenders kienet li Dimbros Ltd applikaw għal għażliet kollha filwaqt li s-Sur Jimmy Muscat applika biss għal għażla waħda dik li tintuża mill-Kunsill preżentament jiġifieri li l-ġbir tal-iskart isir darbtejn fil-ġimgħa fil-ġranet tat-Tlieta u l-Ġimgħa.

Wara li saret evalwazzjoni fuq in-numru tat-total ta' bulky refuse li nġabar fis-sena preċedenti ġie kkalkulat li fis-sena l-kunsill ikollu madwar 1716 sejħa biex jinġabar il-bulky refuse u għaldaqstant meta jkun ikkalkulat mal-offerti mitfugħa irriżulta li l-offerta tas-Sur Jimmy Muscat hija orħos minn dik ta' Dimbros Ltd.

Is-Sindku ppropona r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn kien irrakkomandat li t-Tender Bulky Refuse għandha tingħata lis-Sur Jimmy Muscat.

Is-Sur ~~Jonathan Brimmer~~ issekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal- membri qablu unanimament.

### ii. SVLC/T/03/2015 – Maintenance and Installation of Traffic Signs

Għat-tender Maintenance and Installation of Traffic Signs intefgħu 2 tenders mingħand B Grima & Sons Ltd u Koptasin. Dawn iż-żewġ tenders kienu validi minħabba l-fatt li r-rekwiżiti mitluba mill-kunsill kienu annessi.

Wara li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni analizza l-offerti mitfgħuha irriżulta li fl-aħħar sentejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera l-aktar materjal li kkonsuma kienet iż-żebgħa tat-toroq dan hekk kif inhu kkonfermat u ġġustifikat mill-accounts tal-Kunsill. F'dan ir-rigward il-Bord reġa' għamel evalwazzjoni fuq il-prezzijiet taż-żebgħa fejn irriżulta li l-prezzijiet taż-żebgħa ta' Grima & Sons Ltd huma ferm orħos minn dawk tal-Koptasin hekk kif muri fit-tabella t'hawn taħt.

| | | Grima & Sons Ltd | Koptasin |
|---|---|---|---|
| | Description of Works | Rate | Rate |
| 1 | White (per litre) | €2.5 | €3.85 |
| 2 | Yellow (per litre) | €2.5 | €3.85 |
| 3 | Black (per litre) | €2.5 | €3.85 |
| 4 | Thinner (per litre) | €2.25 | €2.38 |

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Għaldaqstant mit-tabella t'hawn fuq u mill-fatt li ħafna drabi li l-work orders li preżentament il-Kunsill qiegħed joħroġ lill-Kuntrattur attwali, Koptsin, qed jieħdu t-tul sabiex liema xogħol rikjest mill-Kunsill isir fi żmien stipulat kif maħruġ skont il-Works order.

Is-Sindku ppropona r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn kien irrakkomandat li t-Tender tingħata lil B. Grima & Sons Ltd. Is-Sur Jonathan Brimmer issekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal- membri qablu unanimament.

**iii. SVLC/T/04/2015 –** ***Contract Manager***

Għat-tender *Contracts Manager* intefgħet tender waħda mingħand Synthesis Management Services fejn din it-tender kienet valida minħabba l-fatt li r-rekwiżiti mitluba mill-kunsill kienu annessi. Wara li din it-tender ġiet ivverifikata u kien ikkunsidrat li din kienet l-unika tender mill-istess kuntrattur preżenti li għandna llum, il-prezz mitfugħ huwa konsiderevoli u għas-servizz fil-ħin li dejjem offra s-Sindku ppropona r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni sabiex din it-tender tingħata lil Synthesis Management Services.

Is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal- membri qablu unanimament.

**iv. SVLC/T/05/2015 –** ***Public Convenience***

Għal din it-tender *Opening, Closing and Cleaning of Public Convenience* intefgħu 2 tenders mingħand Baldassare Borg/Sandro Caruana u WM Environmental Ltd. Dawn iż-żewġ tenders kienu validi minħabba l-fatt li r-rekwiżiti mitluba mill-kunsill kienu annessi.

Is-Sindku ppropona r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn kien irrakkomandat li t-Tender tingħata lil Baldassare Borg/Sandro Caruana fejn dik kinet orħos minn dik ta' WM Environmental Ltd. Is-Sur Jason Mangani issekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal- membri qablu unanimament.

## 8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati li ġew preżentati waqt id-49 laqgħa.

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ma kellu l-ebda komunikazzjonijiet għad-49 Laqgħa.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar il-Ħamis 11 ta' Frar, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Ilum: 11/02/2016